10 ta' Jannar, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Axisa et. *versus* A.I.C. Joseph Zammit Bonett et. (*)

**Sentenza — Appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re — Sospensjoni ta' l-Eżekuzzjoni — Proċedura.**

*Id-domanda għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' sentenza fil-pendenza ta' appell li jkun għamel minn dik is-sentenza s-sokkombent, għandha ssir b'ċitazzjoni meta s-sentenza tkun ta' Qorti ta' l-Ewwel Grad. Iżda meta s-sentenza hija ta' Qorti ta' l-Appell, u l-appell ikun irid isir lill-Privy Council, sempliċi rikors huwa biżżejjed biex il-Qorti ta' l-Appell tkun tista' tipprovvedi favur jew kontra s-sospensjoni mitluba; salv li tagħti dan il-provvediment meta jasal il-waqt, jiġifieri meta tiġi quddiem il-Qorti t-talba biex jingħata l-permess kondizzjonali għal dak l-appell.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tal-konvenuti appellanti proprio et nomine tas-7 ta' Diċembru 1948, fejn talbu s-sospensjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 1948;

*Omissis;*

Fuq il-kwistjoni jekk dik it-talba saretx ritwalment per mezz ta' rikors;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi d-diffikultà li ġiet sollevata hija jekk il-proċedura għal dik is-sospensjoni kellhiex issir per mezz ta' ċitazzjoni kif irid l-art. 267 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili taħt piena ta' nullità, jew inkella t-talba għal dik is-sospensjoni tistax issir anki per mezz ta' rikors;

L-artikolu fuq imsemmi tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla l-każ ta' sentenza ta' l-ewwel istanza li tiġi appellata quddiem din il-Qorti, u għalhekk jiddisponi illi l-Qorti ta' l-ewwel istanza tista', fuq talba tad-debitur appellant,

(*) Ara sentenza sussegwenti f'din il-kawża — Appell Kummerċjali 21. 1. 49 (publikata).

b'ċitazzjoni, twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-każijiet hemm kontemplati. U f'dan il-każ iċ-ċitazzjoni tkun ritwalment u skond il-loġika ġuridika neċessarja, għaliex il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, meta tippronunzja s-sentenza tagħha, ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni iżjed fuq il-kawża, jekk mhux għall-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza meta tkun għaddiet f'ġudikat; u biex id-debitur imur espressament kontra dik id-dispożizzjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza u jitlob is-sospensjoni ta' dik l-eżekuzzjoni, huwa ġuridikament u ritwalment neċessarju illi l-ġurisdizzjoni ta' l-Ewwel Qorti tiġi ċċitata per mezz ta' att li bih skond il-liġi normalment il-parti tmur quddiem dik il-Qorti, ċjoè per mezz ta' ċitazzjoni. Tant huwa hekk illi diversi drabi l-Qorti, biex tkun tista' tagħti provvedimenti non ostanti l-prolazzjoni tas-sentenza, u wara dik il-prolazzjoni, tagħmel riżerva espressa fis-sentenza stess, biex iżżomm dik il-ġurisdizzjoni;

Tikkunsidra;

Illi l-każ preżenti huwa, għall-kuntrarju, totalment divers. Wara sentenza ta' din il-Qorti s-sokkombent, in forza ta' liġi speċjali, l-Order in Council ta' l-1909, talab lil din il-Qorti l-permess biex jista' jappella lill-Maestà Tiegħu r-Re fil-Kunsill Privat; u skond is-sezzjoni 5 ta' dak l-Order in Council din il-Qorti tista', meta tagħti l-permess għall-appell, jew tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza tagħha, jew inkella s-sospensjoni ta' l-istess sentenza. Dan l-istadju għadu ma wasalx, għaliex it-talba ta' l-appellanti biex ikollhom il-permess għadha ma ġietx għad-diskussjoni quddiem din il-Qorti; u għalhekk it-talba għas-sospensjoni hija ntiża sempliċement għall-perijodu interinali sakemm dik it-talba tiġi provvduta; u għalhekk din il-Qorti, peress li għandha quddiemha t-talba oriġinali għal permess da parti ta' l-appellanti biex jappellaw lill-Maestà Tiegħu r-Re fil-Kunsill Privat, għandha ġurisdizzjoni biex tagħti l-provvedimenti kollha meħtieġa; u għalhekk ma hemmx bżonn ta' l-ebda ċitazzjoni, iżda sempliċi rikors huwa biżżejjed taħt iċ-ċirkustanzi u apparti konsiderazzjonijiet oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi t-talba għas-sospensjoni per mezz ta' rikors

hija ritwali fil-każ preżenti; tirriżerva li tipprovvedi fuq l-spejjeż ta' l-inċident fid-deċiżjoni għat-talba ta' l-appellanti biex ikollhom il-permess li jagħmlu dak l-appell fuq imsemmi.

---